# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 24 ta' Settembru 2017

Il-XXV Ħadd Matul is-Sena

Sena A

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw il-liturġija tal-ħamsa u għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex nagħtu prominenza lil Kristu f'ħajjtna. Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 55, 6-9)

Il-profeta Isaija jurina li ħafna drabi l-bniedem ma jifhimx il-pjanijiet ta' Alla.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 144 (145), 2-3.8-9.17-18)

Qrib il-Mulej lejn kull min isejjaħlu.

**It-Tieni Qari** (Fil 1, 20ċ-24.27a)

San Pawl jurina li n-nisrani huwa mistieden li jibbaża ħajtu fuq dak li jgħid Kristu.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 20, 1-16a)

Il-bniedem huwa mistieden biex jagħti widen għall-proposti ta' Ġesù.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

L-offerti li ser inressqu lil Alla f'dan il-mument ikomplu jwassluna qrib tiegħU.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

L-Ewkaristija hija l-istedina li Ġesù qiegħed jagħmel lil kull wieħed u waħna minna.
Ejjew naċċettaw din l-istedina sabiex ngħixu ta' veri wlied Alla.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.